# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 904

KAZ NRU. 1126

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Mizzi

u

Bezzina Maritime Services Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 1 ta' Dicembru, 1997

**Chairman : Is-Sur Albert J. Tabone**

## 1. DAHLA

1.1 Dan il-kaz gie referit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata l-1 ta' April, 1997 b'referenza MHS/T1/22/97 skond il-provvedimenti ta' Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

1.2 It-Tribunal zamm disa' (9) seduti.

1.3 Joseph Mizzi, aktar 'il quddiem imsejjah l-"appellant", kien assistit mill-avukat Ian Spiteri Bailey u Bezzina Maritime Services Ltd, aktar 'il quddiem imsejha il-

"kumpanija" kienet rapprezentata mis-sur Anthony Bezzina assistit mill-avukat Clarence Busuttil.

1.4 Meta beda l-kaz fl-occhio kien jidher l-isem "Ahwa Bezzina" bhala s-socjeta' appellata. Fit-tieni seduta z-zewg partijiet ftehmu li biex tigi riflessa s-sitwazzjoni rejali ta' ma' min kien impjegat l-appellant l-occhio jigi korrett u jaqra "Bezzina Maritime Services Ltd" flok "Ahwa Bezzina".

1.5 L-appellant gie impjegat bhala Fitter mal-kumpanija fl-1 ta' Marzu, 1995. L-impjieg tieghu gie terminat fit-12 ta' Dicembru, 1996 u r-raguni moghtija fic-certifikat ta' temm ta' impjieg kienet li hu "redundant". Waqt it-trattazzjoni rrizulta b'mod car li t-temm ta' impjieg kien ghal raguni dixxiplinari u mhux minhabba *redundancy.*

## 2. <u>SOTTOMISSJONIJIET U XHIEDA</u>

2.1 Ix-xhieda li nstemghu kienu :

<u>Msejha mill-appellant</u>
Joseph Mizzi
Loreto Sultana

<u>Msejjah mill-kumpanija</u>
Nicholas Falzon

<u>Msejha miz-zewg partijiet</u>
Anthony Bezzina
David Musu'

2.2 Fid-dikjarazzjoni tal-kaz il-kumpanija qalet li fit-12 ta' Dicembru, 1996 l-appellant qabad u abbunduna l-Hopper Barge li kienet fdata lilu, telaq minn fuq il-post tax-xoghol u mar lura

l-Marsa bil-karozza tal-linja biex ikellem lis-supervisor tieghu, s-sur Nicholas Falzon. Meta dan talbu jaghmel stqarrija bil-kitba dwar ir-rifjut tieghu li jadem fuq it-tieni trip tal-barge 113 hu m'accettax li jaghmlu u ghalhekk l-impjieg tieghu gie terminat. Il-kumpanija semmiet ukoll li tul l-impjieg tieghu l-appellant dejjem irrifjuta li jahdem *overtime* u li dakinhar li kellem lil David Musu' talbu sabiex inizzlu bhala "*redundant*".

2.3 Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz tieghu, l-appellant qal li fit-12 ta' Dicembru, 1996 kien fuq il-barge 113 jghabbu t-terrapien mill-Hilton. Li l-barge kien jehtieglu tlett sighat jew izjed biex jitghabba. Meta ghabbew u kienu se jitilqu biex jarmu t-taghbija, gie fuq il-barge il-foreman ta' Polidano Bros, il-kuntrattur tal-Hilton, u qalilhom li huma kellhom jaghmlu *trip* iehor ghax il-*crew* tal-barge 112 ma riedux jigu ghat-taghbija u baqghu dehlin lura l-port.

2.4 L-appellant spjega lill-Master tal-barge li kellu appuntament importanti fil-hamsa ta' filghaxija u ma setax jibqa' jahdem wara l-hin. Ghalkemm ippruvaw bil-VHF ma rnexxilhomx jaqbdu s-supervisor. Wara li hattew u rritorna lura l-Hilton u ghenhom jorbtu taht ir-rampa tal-Hilton hu qabad u telaq lura l-Marsa b'tal-linja fejn wasal ghall-habta tat-3.10p.m. Xi ftit hin wara mar fuqu Nicholas Falzon u hu spjegalu li ma setax jibqa' overtime ghax kellu appuntament importanti. Is-supervisor insista li kien jehtieg vjagg iehor u meta l-appellant baqa' jinsisti li ma setax joqghod  is-sur Falzon infurmah li jista' ma jmurx izjed ghax-xoghol. It-Tnejn filghodu (16 ta' Dicembru) hu kellem lil David Musu' u lis-sur Tony Bezzina. Biss gie nfurmat li l-impjieg tieghu ntemm u li l-ahhar jum ta' xoghol tieghu kien it-12 ta' Dicembru, 1996.

2.5 Mix-xhieda gie stabbilit li l-impjieg ta' l-appellant intemm ghax irrifjuta li jaghmel *statement* bil-kitba, kif gie mitlub mis-superjur tieghu Nicholas Falzon, biex jispjega ghaliex dakinhar it-12 ta' Dicembru, 1996 ma riedx jahdem *overtime* fuq il-barge 113.

2.6 Mix-xhieda, fosthom dik tas-sur Nicholas Falzon, is-supretendent tal-flotta irrizulta li l-appellant :

i. Qatt ma nghata *warnings;*

ii. Waqt li kien jippreferi ma jaghmilx *overtime*, gie li nqabad anke sat-tmienja ta' bil-lejl u xi kultant naqas li jattendi ghal xi lezzjonijiet ta' kors li kien qed jaghmel minhabba *overtime;*

iii. Kien jaghmel kull xorta ta' xoghol li jinghata;

iv. Qatt ma kellu x'jghid ma' shabu;

v. shabu ma kienux avzati mill-bidu tal-jum li kien ser ikollhom joqghodu *overtime.*

2.7 Irrizulta wkoll li Barge 113 kienet qed tahdem b'magna wahda biss. Madankollu ma giex ppruvat ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal li kien hemm xi arragament awtorizzat li l-imsemmija barge ma kellhiex tahdem fid-dlam kif allega l-appellant.

2.8 Kien hemm qbil li l-uniku mezz ta' kommunikazzjoni bejn il-barge u d-depot ta' Bezzina l-Marsa kien bil-V.H.F. via l-Valletta Radio. Dak li qal l-appellant li ppruvaw kemm-il darba jikkuntattjaw lil Nicholas Falzon gie kkonfermat minn Loreto Sultana.

2.9 L-appellant stqarr li m'ghamilx *statement* bil-miktub kif intalab jaghmel mis-sur Falzon ghaliex ma kienx hemm hin bizzejjed biex jaghmlu. Irrizulta wkoll li verbalment lanqas gharraf lil Falzon ghaliex kien importanti ghalih li ma jitlifx l-appuntament tal-hamsa.

2.10 Is-sottomissjonijiet finali tal-kumpanija kkoncentraw fuq il-punti tad-dikjarazzjoni originali b'enfasi partikolari li l-appellant ghamel ta' rasu u abbanduna l-post tax-xoghol. F'dawk ta' l-appellant, saret referenza ghal dak li ntqal min numru ta' xhieda u ghall-fatt li l-appuntament li ppreklудih li jibqa' ghall-overtime kien jirrigwarda kwistjoni medika serja ta' interess ghall-familja kollha tieghu.

3. **<u>KUNSIDERAZZJONIJIET U DECIZJONI</u>**

3.1 Waqt it-trattazzjoni u specjalment fis-sottomissjonijiet finali, il-kumpanija ghafset fuq il-punt li l-appellant kien abbanduna l-post tax-xoghol tieghu meta telaq mil-barge 113 u mar lura l-Marsa. Ghalkemm it-Tribunal ra li kien jezisti dan il-fatt, imkien u fl-ebda hin ma gie ppruvat li l-abbandun tal-post tax-xoghol kien wiehed mill-kawzi ghat-tkeccija. Ir-raguni wahdanija ghal din kienet li njora ordni ta' superjur tieghu meta rrifjuta li jaghmel *statement* bil-miktub u jispjega ghaliex ma riedx joqghod xoghol *overtime* nhar it-12 ta' Dicembru, 1996.

3.2 Fid-dawl ta' dan, li kellu quddiemu t-Tribunal kien jekk kienx hemm storja ta' nuqqasijiet li, flimkien ma dak li gara fit-12 ta' Dicembru, tiggustifika tkeccija. Minn dak kollu li ntqal irrizulta li l-appellant, matul l-impjieg tieghu mal-kumpanija, dejjem issodisfa lis-superjuri tieghu b'xogholu u bil-kondotta tieghu. Qatt ma nghata twissija la bil-kitba u lanqas bil-fomm. Lanqas irrizulta li konsistentement kien jirrifjuta li jaghmel sahra.

3.3 L-appellant naqas serjament meta telaq minn fuq xogholu u flok ipprova jistabilixxi kuntatt telefoniku mal-Marsa

qabad it-trasport pubbliku u mar lura lejn id-depot tal-kumpanija. Naqas ukoll meta ma spjegax car ir-raguni ghaliex l-appuntament ta' dakinhar kien importanti ghalih. Nuqqas iehor kien meta ma qalx ghaliex ma kienx possibbli ghalih li jahgmel *statement* bil-kitba fil-hin li kien mitlub.

3.4 Indubbjament kien hemm intransigenza u arroganza minn naha ta' l-appellant versu s-superjur tieghu f'dan il-kaz. L-agir tieghu f'dik l-okkazzjoni kien jimmerita kastig serju, imma nuqqas ta' darba kif spjegat waqt is-smiegh ma kellux iwassal ghal piena tat-tkeccija.

3.5 It-Tribunal hu fid-dmir li jfakkar li tkeccija hi l-ehrex piena possibbli li wiehed ghandu jirrikorri ghaliha biss f'kaz ta' xi offiza tassew serja jew ghal ahhar wahda minn serje ta' offizi fuq medda ta' zmien. Ifakkar ukoll li l-protezzjoni li taghti l-ligi lill-haddiem m'ghandhiex tigi abbuzata minnu u li hu ghandu mhux biss drittijiet imma wkoll dmirijiet.

3.6 It-Tribunal isib li ma kienx hemm raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi ghat-tkeccija ta' l-appellant u jordna li l-kumpanija thallas kumpens ta' seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) lill-appellant.

3.7 Dan l-ammont ghandu jithallas f'zewg pagamenti ta tlett mija u hamsa u sebghin lira (Lm375)-il-wiehed. L-ewwel pagament ghandu jithallas mhux aktar tard mit-22 ta' Dicembru, 1997 u l-iehor mhux aktar tard mit-22 ta' Jannar, 1998.